MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Numru. 793/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**EMANUEL CUTAJAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Cutajar bin Emanuel u Concetta mitwielda Fiorini, mwieled B'Bugia fit-23/09/1965, u joqghod "St Joseph", Triq it-Telleritu, Ghaxaq. ID. 465365(M).

Akkuza.

Talli fil-21 ta' Lulju, 2005 ghall-habta tal-12.30 pm, waqt li kien fi Triq Burmarrad, Burmarrad, ikkaguna hsara

voluntarja fuq karozza propjeta ta’ Alan Curmi, liema hsara taccedi l-LM50 izda ‘nqas minn LM500 u dan ghad-dannu tal-istess Alan Curmi; Barra minn dan akkuzat ukoll talli hedded lill-imsemmi Alan Curmi b’pal tal-hadid billi ppuntah m’ghonqu u qallu li kien sejjer joqtlu; U aktar talli kiser il-paci pubblika bl-ghajjat jew b’mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmi Alan Curmi, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, torbot lill-imputat b’obligazzjoni tieghu nniffsu, that penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissatta minn din l-Onorabbli Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PB2 u nnutat li l-imputat Emanuel Cutajar m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artkoli 17, 325 (1) (b), 339 (1) (e) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Cutajar, fuq ammisjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess imputat Emanuel Cutajar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-

Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Emanuel Cutajar b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) li jzomm il-kwiet ma' Alan Curmi ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Cutajar l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------